

32000D2850

L 332/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.12.2000

**ID-DEĊIŻJONI Nru 2850/2000/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
ta' l-20 ta' Diċembru 2000**

**li tistabilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġiż ta' l-ibħra, sewwa jekk
aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li aġixxew skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾, u fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni fil-11 ta' Ottubru 2000,

Billi:

- (1) L-azzjonijiet meħuda mill-Komunità fil-qasam tat-tniġġiż aċċidentali ta' l-ibħra sa mill-1978 għamluha possibbli, b'mod progressiv, li tiġi żviluppata l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fi programm Komunitarju ta' azzjoni. Ir-reżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet adottati sa mill-1978 ⁽⁴⁾ jikkostitwixxu l-bażi ta' din il-koperazzjoni.
- (2) Numru ta' arranġamenti reġjonali dwar it-tniġġiż aċċidentali ta' l-ibħra, bħalma huwa l-ftehim ta' Koperazzjoni ta' Bonn, diġà jiffaċilitaw l-assistenza u l-koperazzjoni reċiproċi f'dan il-qasam bejn l-Istati Membri.
- (3) Għandhom jiġu meqjusa l-konvenzjonijiet internazzjonali u l-arranġamenti li japplikaw għall-ibħra u ż-żoni marittimi Ewropej, bħalma huma l-Konvenzjoni OSPAR, il-Konvenzjoni ta' Barċellona, u l-Konvenzjoni ta' Helsinki.

⁽¹⁾ ĠU C 25, tat-30.1.1999, p. 20.

⁽²⁾ ĠU C 169, tas-16.6.1999, p. 16.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew, 16 ta' Settembru 1999 (ĠU C 54, tal-25.2.2000, p. 82), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill, 17 ta' Diċembru 2000 (ĠU C 87, ta' l-24.3.2000, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, 13 ta' Ġunju 2000 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, 30 ta' Novembru 2000 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill, 5 ta' Diċembru 2000.

⁽⁴⁾ ĠU C 162, tat-8.7.1978, p. 1, ĠU L 355, ta' l-10.12.1981, p. 52, ĠU L 77, tat-22.3.1986, p. 33 u ĠU L 158, tal-25.6.1988, p. 32.

(4) Is-sistema Komunitarja tat-tagħrif qdiet il-funzjoni li tagħmel disponibbli lill-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa għall-kontroll u tnaqqis tat-tniġġiż kawżat mit-tixrid fil-baħar ta' ammonti kbar ta' idro-karboni u ta' sustanzi oħra ta' ħsara. Is-sistema tat-tagħrif trid tiġi faċilitata bl-użu ta' sistema moderna u awtomatika tal-proċessar ta' l-informazzjoni.

(5) Jeħtieġ li tiġi stabbilita sistema li tippermetti l-iskambju rapidu u effiċjenti tat-tagħrif.

(6) It-task force Komunitarja, u azzjonijiet oħra fi ħdan il-programm Komunitarju ta' azzjoni pprovdew assistenza Prattika lill-awtoritajiet waqt l-emerġenzi ta' tniġġiż marittimu, kif ukoll ippromwew il-koperazzjoni u l-istat ta' preparazzjoni għar-rispons effiċjenti dwar l-inċidenti.

(7) Il-programm Komunitarju tal-politika u l-azzjoni fejn għandu x'jaqsam l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli ⁽⁵⁾, ippreżentat mill-Kummissjoni, jipprovdi illi l-attivitajiet tal-Komunità jingħataw spinta, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-emerġenzi ambjentali li jinkludu t-tniġġiż tal-baħar b'mod aċċidentali jew deliberatament.

(8) Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet ta' l-ilqugħ fil-portijiet ta' l-iskart iġġenerat mill-bastimenti u l-iskart ta' tagħbija ⁽⁶⁾ hija ta' importanza fundamentali fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni.

(9) Sustanzi ta' ħsara jfissru kull sustanza ta' riskju jew irritanti li x'aktarx joħlqu t-tħassib jekk jixterdu fl-ambjent marittimu.

(10) Il-koperazzjoni Komunitarja fil-qasam tat-tniġġiż aċċidentali tal-baħar tgħin, billi tieħu azzjoni kontra r-riskji, sabiex tikseb il-miri tat-Trattat billi tippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u tikkontribwixxi, skond l-Artikolu 174 tat-Trattat, għall-preservazzjoni u l-protezzjoni ta' l-ambjent u għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

⁽⁵⁾ ĠU C 138, tas-17.5.1993, p. 5.

⁽⁶⁾ Ara paġna 81 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

- (11) Il-fatt li ġie stabbilit qafas Komunitarju għall-koperazzjoni li jipprovdi miżuri ta' appoġġ, irid jgħin għalbiex tiġi żviluppata l-koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġiż aċċidentali ta' l-ibħra b'mod iktar effiċjenti. Dan il-qafas għall-koperazzjoni jrid ikun imsejjes, fil-biċċa l-kbira tiegħu, fuq l-esperjenza miksuba f'dan il-qasam sa mill-1978.
- (12) Qafas Komunitarju għall-koperazzjoni irid ukoll iżid it-trasparenza, kif ukoll jikkonsolida u jsahha l-azzjonijiet varji.
- (13) It-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar jinkludi t-tniġġiż mill-istallazzjonijiet 'il barra mill-kosta, kif ukoll it-tixrid illeċitu mill-bastimenti.
- (14) L-azzjoni għalbiex ikun ipprovdut it-tagħrif u jħejji lil daww responsabbli mit-tniġġiż tal-baħar fl-Istati Membri jew involuti fih hija importanti, iżżid il-grad ta' l-istat tal-preparazzjoni għall-inċidenti u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-riskji.
- (15) Huwa importanti wkoll li tittieħed azzjoni Komunitarja sabiex jiġu mtejba l-metodi tat-teknika u l-metodi tar-riabilitazzjoni wara l-emerġenzi.
- (16) Il-provvediment ta' appoġġ operattiv lill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' l-esperjenzi minn dawn is-sitwazzjonijiet fost l-Istati Membri, urew li għandhom valur sinifikanti.
- (17) L-azzjonijiet taħt dan il-qafas iridu jipromwovu wkoll il-prinċipju li min iniggeż irid iħallas, prinċipju li jrid jiġi applikat skond il-liġijiet ambjentali u marittimi nazzjonali u internazzjonali li japplikaw.
- (18) Għandhom jiġu adottati l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni (1).
- (19) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul kollu taż-żmien tal-qafas għall-koperazzjoni, qafas finanzjarju li jikkostitwixxi referenza primarja, fit-tifsira tal-punt 33 tal-Ftehim Inter-Istituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina li tirrigwarda l-estimi finanzjarji u t-titjib tal-proċeduri ta' l-estimi finanzjarji (2), għall-awtorità ta' l-estimi finanzjarji matul il-proċedura annwali ta' l-estimi finanzjarji.
- (20) Id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jieħdu fuq spallejhom, b'mod partikolari, il-programm ta' azzjoni stabbilit permezz tar-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 Ġunju 1978 u tas-sistema Komunitarja tat-tagħrif stabbilita permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 86/85/KEE tas-6 ta' Marzu 1986 li tistabbilixxi sistema Komunitarja tat-tagħrif sabiex tikkontrolla u tnaqqas it-tniġġiż ikkawżat mit-tixrid ta' l-idrokarboni u s-sustanzi l-oħra ta' ħsara fil-

baħar apert u fl-ibħra interni prinċipali (3). Din id-Deċiżjoni għandha tiġi mħassra mid-data li fiha din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Qiegħed hawnhekk jiġi stabbilit qafas għall-koperazzjoni Komunitarja fil-qasam tat-tniġġiż tal-baħar, sewwa jekk aċċidentali u sewwa jekk b'mod deliberat (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-qafas għall-koperazzjoni") għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2006.

2. Il-qafas għall-koperazzjoni huwa maħsub:

- (a) li jappoġġja u jissupplimenta l-isforzi ta' l-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali, u lokali, għall-protezzjoni ta' l-ambjent marittimu, ix-xtut u s-saħħa tal-bniedem kontra r-riskji ta' tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar, bl-esklużjoni tan-nixxigħat kontinwi tat-tniġġiż li joħorġu minn sorsi fuq l-art;
- għar-riskji ta' tniġġiż aċċidentali tal-baħar inklużi r-rilaxxi ta' sustanzi ta' ħsara fl-ambjent marittimu, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, sewwa mill-bastimenti u sewwa mix-xtut jew l-estwarji, u jinkludu daww li għandhom x'jaqsmu mal-preżenza ta' materjali mormija bil-massa, bħall-munizzjon, imma jeskludu l-iskarigi awtorizzati ta' l-iskart u tat-tnixxija kontinwa minn sorsi bbażati fuq l-art ta' materjal li jniġġeż;
- (b) li jikkontribwixxi fit-titjib tal-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri għar-rispons f'każ ta' inċidenti li jkunu jinvolvu t-tixrid jew il-perikolu imminenti tat-tixrid ta' żjut jew sustanzi oħra ta' ħsara fil-baħar, kif ukoll sabiex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-riskji. Skond it-tqassim intern tal-kompetenzi fl-Istati Membri, dawn għandhom jiskambjaw it-tagħrif dwar il-munizzjon mormi bil-massa, bil-għan li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' l-istat tal-preparazzjoni għalih;
- (c) li jissaħħu l-kundizzjonijiet u jiġu ffaċilitati l-assistenza u l-koperazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam; u
- (d) li jipromwovi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri għalbiex jiprovdu kumpens għall-ħsara skond il-prinċipju li min iniggeż irid iħallas.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għat-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-azzjonijiet taħt il-qafas għall-koperazzjoni, skond kif provdut f'Annessi I u II.

- (a) Fil-qafas għall-koperazzjoni, hija stabbilita sistema Komunitarja tat-tagħrif bil-għan li tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-istat tal-preparazzjoni u r-rispons għat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar. Is-sistema għandha tkun tikkonsisti f'mill-inqas il-komponenti ddikjarati f'Anness I.

It-tipi ta' azzjonijiet taħt il-qafas għall-koperazzjoni u l-arranġamenti finanzjarji rigward il-kontribuzzjoni Komunitarja huma ddikjarati f'Anness II.

(1) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(2) ĠU Ċ 172, tat-18.6.1999, p. 1.

(3) ĠU L 77, tat-22.3.1986, p. 33. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 88/346/KEE (ĠU L 158, tal-25.6.1988, p. 32).

- (b) Għandu jiġi adottat pjan li jibqa' għaddej għal tliet snin sabiex jimplimenta dan il-qafas għall-koperazzjoni, li jrid jiġi rivedut kull sena skond skond il-proċedura dikjarata fl-Artikolu 4(2), u fuq, fost ħwejjeġ oħra, il-bażi tat-tagħrif fornit lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tista', meta jkun meħtieġ, tirranġa għal azzjonijiet addizzjonali għal ma dawk dikjarati fl-Anness II. Dawn l-azzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu stmati fid-dawl tal-prijoritajiet iddikjarati u r-riżorsi finanzjarji disponibbli, u għandhom jiġu adottati skond il-proċedura dikjarata fl-Artikolu 4(2).

- (c) Il-qafas finanzjarju sabiex tiġi implementata din id-Deċiżjoni għall-perjodu taż-żmien mis-sena 2000 sas-sena 2006 huwa hawnhekk stabbilit għal EUR 7 miljuni.

Ir-riżorsi ta' l-estimi finanzjarji allokatu għall-azzjonijiet ipprovduti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu mdaħħla fl-appropriazzjonijiet annwali ta' l-estimi finanzjarji ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-appropriazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi finanzjarji, fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 3

1. Il-pjan li jibqa' għaddej sabiex jimplementat il-qafas għall-koperazzjoni għandu jinkludi l-azzjonijiet individwali li għandhom jittieħdu.

2. L-azzjonijiet individwali għandhom jiġu magħżula primarjament fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) li jikkontribwixxu għall-provediment tat-tagħrif u t-tħejija ta' dawk responsabbli minn, u involuti fit-trattament tat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar, li jinkludu, meta rilevanti, l-awtoritajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, bil-għan li jżied il-livell ta' l-istat ta' preparazzjoni u li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-riskji;
- (b) li jikkontribwixxu għat-titjib tal-metodi tat-teknika u l-metodi tar-rispons u tar-riabilitazzjoni wara l-emerġenzi, u għat-titjib tal-metodi tat-teknika sabiex tiġi valutata l-ħsara fil-baħar u fix-xtut milquta;
- (c) li jikkontribwixxu għall-provediment ta' tagħrif pubbliku aħjar biex jgħin fil-kjarifika tar-riskji u li jgħaddi t-tagħrif dwar l-inċidenti;
- (d) li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn il-korpi lokali rilevanti u l-korpi tal-protezzjoni ta' l-ambjent rigward il-prevenzjoni tar-riskji u r-rispons għalihom;
- (e) li jikkontribwixxu li jiġi provdut appoġġ operattiv, billi jiġu organizzati u miġbura esperti li fil-biċċa l-kbira tagħhom jappartjenu għat-task force Komunitarja, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza għall-Istati Membri, u sabiex jiddiseminaw l-esperjenzi minn dawn is-sitwazzjonijiet fost l-Istati Membri.

3. Kull azzjoni individwali għandha tiġi implimentata f'koperazzjoni mill-qrib ma l-awtoritajiet kompetenti fuq bażi nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġi kunsidrat l-Artikolu 8 tiegħu.

Il-perjodu taż-żmien dikjarat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tal-qafas għall-koperazzjoni fin-nofs ta' l-iskond operattiv tiegħu, u qabel ma jiġi fi tmiemu, u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn 36 xahar wara li tidħol fis-seħħ din id-Deċiżjoni, u wara dan wara sitt snin minn meta din id-Deċiżjoni tkun daħlet fis-seħħ. Fir-rapport finali tagħha, l-Kummissjoni għandha, jekk appropriat, tagħmel proposti għal miżuri ġodda sabiex jissokta dan il-qafas.

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 86/85/KEE għandha tiġi mħassra.

Artikolu 7

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 2000.

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President Il-President	Għall-Kunsill
N. FONTAINE	J.-C. GAYSSOT

ANNEX I

IL-KOMPONENTI TAS-SISTEMA KOMUNITARJA TAT-TAGĦRIF

Is-sistema Komunitarja tat-tagħrif trid tuża sistema moderna u awtomatika tal-proċessar ta' l-informazzjoni. Fuq is-sit ta' l-*Internet*, irid ikun hemm tagħrif ġenerali ta' sfond fil-livell Komunitarju fuq *home-page* Komunitarja, u fuq il-*home-pages* nazzjonali irid ikun hemm tagħrif li għandu x'jaqsam mar-riżorsi nazzjonali disponibbli.

Separata minn dan, trid tinżamm parti stampata tas-sistema, fil-ġhamla ta' ktejjeb Komunitarju bil-paġni mhux illegati, b'tagħrif dwar il-ġestjoni ta' l-emerġenzi f'kull Stat Membru.

1. Il-Kummissjoni trid tiftaħ *website* bil-għan li sservi ta' paġna ta' aċċess ġenerali għas-sistema, u bħala *home-page* Komunitarja.
 2. Fi żmien sitt xhur minn meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, kull Stat Membru jrid:
 - (a) jaħtar l-awtorità jew l-awtoritajiet li tkun/ikunu responsabbli mill-ġestjoni tal-parti nazzjonali tas-sistema, u jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni;
 - (b) jiftaħ jew iżomm *home-page* nazzjonali, jew *home-pages* reġjonali interkonnessi. Din il-*home-page* nazzjonali jew waħda mill-*home-pages* nazzjonali interkonnessi jridu tkun konnettjati mas-sistema kollha permezz tal-paġna Komunitarja ta' aċċess ġenerali għas-sistema;
 - (ċ) jimla l-*home-page/s* nazzjonali tiegħu bit-tagħrif rilevanti, jiġifieri:
 - (i) deskrizzjoni ta' l-istrutturi nazzjonali u l-konnessjonijiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-qasam tat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar, inklużi l-punti fokali li jridu jiġu ndirizzati fil-kwistjonijiet tar-rispons għall-emerġenzi;
 - (ii) tagħrif ġenerali dwar timijiet u t-tagħmir eżistenti għar-rispons ta' l-emerġenza u t-tindif, b'mod partikolari:
 - timijiet ta' l-attakk (bażati fuq il-baħar), li jikkonsistu minn bastimenti li jwieġbu fil-każ ta' tixrid,
 - timijiet ta' l-attakk (bażati fuq l-art), għalbiex jikkumbattu t-tniġġiż tax-xtut u għalbiex jorganizzaw il-ħażna temporanja kif ukoll għalbiex iwettqu azzjonijiet għar-rijabilitazzjoni taż-żoni sensitivi tax-xtut,
 - timijiet ta' esperti għalbiex jimmonitorjaw it-tniġġiż u/jew l-impatt tal-metodi tat-teknika wżati għalbiex jikkumbattu t-tniġġiż, inkluż it-tixrid tal-kimiċi,
 - mezzi oħra mekkaniċi, kimiċi u bijoloġiċi għalbiex jikkumbattu t-tniġġiż fil-baħar, u għat-tindif tax-xtut, inklużi s-sistemi għat-tħaffif tal-bastimenti-tankijiet taż-żejt,
 - il-vetturi ta' l-ajru għas-sorveljanza mill-ajru,
 - il-lokazzjoni tal-munzelli tal-ħażniet,
 - il-kapaċità ta' rmonk f'emerġenza,
 - in-numru/i ta' emerġenza għall-użu pubbliku;
 - (iii) il-kundizzjonijiet għall-offerta ta' l-assistenza.
- Fuq talba, il-punti ta' referenza jridu jipprovdu tagħrif addizzjonali.
3. Kull Stat Membru għandu jaġġorna l-*home-page/s* nazzjonali tiegħu, speċifikati fil-punt 2, hekk kif ikunu ġraw bidliet.
 4. Kull Stat Membru jrid jipprovdi lill-Kummissjoni bit-tagħrif li jkollu dwar il-ġestjoni oprattiva ta' l-emerġenzi li trid tiġi inkluża fil-ktejjeb mhux illegat Komunitarju ta' l-operazzjonijiet, inklużi l-proċeduri operattivi għall-organizzazzjoni u l-ġbir u l-punti operattivi tal-kuntatt bir-referenzi tagħhom, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha d-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.
 5. Kull Stat Membru jrid jinnotifika lill-Kummissjoni mill-aktar opportunità bikrija b'kull tibdil li jkollu x'jaqsam mat-tagħrif imniżżel fil-ktejjeb mhux illegat.
 6. Il-Kummissjoni trid tagħmel disponibbli lil kull Stat Membru kopja tal-ktejjeb mhux illegat, u tipprovdi lill-Istati Membri b'kull aġġornament.

Il-mudelli għall-*home-pages* Komunitarji u l-*home pages* nazzjonali u iktar gwida sabiex tiġi implimentata s-sistema Komunitarja tat-tagħrif iridu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(2).

ANNEX II

ARRANĠAMENTI FINANZJARJI GĦALL-KONTRIBUZZJONI KOMUNITARJA

It-tipi ta' l-azzjoni	L-Arranġamenti finanzjarji
<p>A. L-Azzjonijiet fit-taħriġ u t-tagħrif</p> <p>1. <i>Il-Korsijiet u l-“workshops”</i> ⁽¹⁾</p> <p>L-organizzazzjoni tal-korsijiet u l-workshops għall-uffiċjali nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri u oħrajn involuti sabiex jiżguraw illi s-servizzi kompetenti jwieġbu bil-ħeffa u bl-effiċjenza.</p> <p>2. <i>L-Iskambju ta' l-esperti</i></p> <p>L-organizzazzjoni għalbiex jiġu ssekondati l-esperti lejn Stat Membru ieħor sabiex l-esperti jitħallew jiksbu l-esperjenza jew jistmaw il-metodi tat-teknika differenti wżati jew sabiex jistudjaw l-avviċinamenti meħuda ġewwa servizzi oħra ta' l-emerġenza jew korpi oħra rilevanti bħalma huma l-organizzazzjonijiet mhux governattivi b'kompetenzi speċjalizzati fit-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar.</p> <p>L-organizzazzjoni ta' l-iskambji ta' l-esperti ta' l-Istati Membri, li jgħinuhom jippreżentaw jew isegwu korsijiet jew moduli ta' taħriġ fi Stat Membru ieħor.</p> <p>3. <i>L-Eżerċizzji</i> ⁽¹⁾</p> <p>L-eżerċizzji huma maħsuba għalbiex jipparagunaw il-metodi, sabiex jistimulaw il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u jsostnu l-progress u jikkordinawis-servizzi nazzjonali ta' l-emerġenza.</p> <p>4. <i>Is-Sistema Komunitarja tat-Tagħrif</i></p> <p>L-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistema kkomputerizzata moderna ta' tagħrif sabiex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jiġġestjonaw it-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar, billi tipprovdni t-tagħrif meħtieġ għall-ġestjoni ta' l-emeġenzi.</p>	<p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 75 % ta' l-ispiża totali ta' l-azzjoni, sa massimu ta' EUR 75 000 għal kull azzjoni.</p> <p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 75 % ta' l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-manteniment ta' l-esperti, u l-ispejjeż kollha (100 %) tal-kordinament tas-sistema.</p> <p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 50 % ta' l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ta' l-osservaturi minn Stati Membri oħra u għall-organizzazzjoni tal-workshops assoċjati, u t-tnejn ta' l-eżerċizzju, il-produzzjoni ta' rapport finali, eċċ.</p> <p>Il-finanzjament ta' 100 % tal-parti tas-sistema tal-Kummissjoni.</p>
<p>B. L-Azzjonijiet għalbiex jiġu mtejba l-metodi tat-teknika u l-metodi tar-rispons u r-rijabilitazzjoni (proġetti pilota) ⁽¹⁾</p> <p>Proġetti maħsuba sabiex iżidu l-kapaċità ta' l-Istati Membri għar-rispons u r-rijabilitazzjoni. Dawn il-proġetti huma mmirati primarjament sabiex itejbu l-mezzi, il-metodi tat-teknika u l-proċeduri. L-iskop tagħhom għandu jinteressa lill-Istati Membri kollha, jew uħud minnhom, u jista' jinkludi proġetti sabiex jiġu implimentati teknoloġiji ġodda li għandhom x'jaqsmu mat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar. Iridu jiġu inkoraġġiti l-proġetti li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar.</p>	<p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 50 % ta' l-ispiża totali ta' kull proġett, sa massimu ta' EUR 150 000.</p>
<p>Ċ. L-Azzjonijiet ta' Appoġġ u Tagħrif</p> <p>1. <i>L-Impatt Ambjentali</i></p> <p>Azzjonijiet sabiex jappoġġjaw s'tharrigiet dwar l-effetti fuq l-ambjent wara inċident, jivvalutaw il-miżuri tal-prevenzjoni u rimedjarji li mittieħda, u sabiex ixerrdu r-riżultati tagħhom u l-esperjenzi miksuba fost l-Istati Membri l-oħra.</p>	<p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 50 % ta' l-ispiża totali ta' kull azzjoni.</p>

⁽¹⁾ L-azzjonijiet eliġibbli huma biss dawk li jinteressaw lill-Istati Membri kollha, jew numru sinifikanti minnhom.

It-tipi ta' l-azzjoni	L-Arranġamenti finanzjarji
<p>2. <i>Il-Konferenzi u l-okkażjonijiet</i> ⁽¹⁾</p> <p>Konferenzi u okkażjonijiet oħra ta' natura kbira, b'mod partikolari meta jkunu jinvolvu numru ta' Stati Membri.</p> <p>3. <i>Azzjonijiet oħra ta' appoġġ</i> ⁽¹⁾</p> <p>Azzjonijiet għalbiex jiddefinixxu l-iprem kwalità għall-iżvilupp tal-prinċipji u ta' gwida għal aspetti importanti tat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar u għall-valutazzjoni tal-qafas għall-koperazzjoni.</p> <p>Miżuri sabiex jinkoraġġixxu l-iskambju tat-tagħrif bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar ir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-munizzjon skartat f'munzelli, dwar iż-żoni interessati (inkluż il-konstruzzjoni tal-mappi) u dwar il-miżuri li jridujittieħdu b'rispons għal emerġenza.</p> <p>4. <i>It-Tagħrif</i></p> <p>Pubblikazzjonijiet, materjal għall-esibizzjonijiet, u tagħrif ieħor għall-pubbliku dwar il-koperazzjoni Komunitarja fil-qasam tat-tniġġiż aċċidentali jew deliberat tal-baħar.</p>	<p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima Komunitarja: 30 % ta' l-ispiża totali ta' l-azzjoni sa massimu ta' EUR50 000.</p> <p>Il-finanzjament ta' 100 %.</p> <p>Il-finanzjament ta' 100 %.</p> <p>Il-finanzjament ta' 100 %.</p>
<p>D. Il-Mobilizzazzjoni tal-kompetenza</p> <p>Azzjoni għall-organizzazzjoni u l-għbir ta' esperti li jappartjenu għat-<i>task force</i> Komunitarja sabiex jintervjenu fl-eventwalità ta' sitwazzjoni ta' emerġenza għalbiex isaħħu s-sistema stabbilia mill-awtoritajiet ta' Stat Membru jew pajjiż terz li jkunu qegħdin jiffaċċjaw emerġenza u sabiex jiġi pprovdut espert fuq ix-xena għalbiex jikkordina l-osservaturi minn Stati Membri oħra.</p>	<p>Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja: 100 % ta' l-ispejjeż tal-missjonijiet ta' l-esperti.</p>

⁽¹⁾ L-azzjonijiet eliġibbli huma biss dawk li jinteressaw lill-Istati Membri kollha, jew numru sinifikanti minnhom.